# Ir-Rapport Annwali tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2016

## Introduzzjoni

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2016. Matul is-sena konċernata, il-Kunsill kien iffurmat mill-istess membri kkonfermati s-sena l-oħra mill-Gvern Malti biex iservu sas-sena 2018. Matul din is-sena s-Sinjorina Louisiana Busuttil li kienet maħtura f'Settembru 2015 sabiex tirrappreżenta l-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea skont Artiklu 5.1 (ċ) tal-Att XX tal-2011 talbet li minħabba raġunijiet ta' xogħol ma tibqax fil-Kunsill, filwaqt li s-Sur Joseph Xerri maħtur skont Artiklu 5.1 (b) tal-Att imsemmi, irriżenja mill-Kunsill f'Novembru billi fit-2 ta' Diċembru 2016 ġie maħtur Segretarju tal-Kunsill. Is-Sra Maria Camilleri Calleja temmet l-irwol tagħha bħala Segretarja tal-Kunsill nhar l-1 ta' Diċembru 2016 minħabba impenji addizzjonali li x-xogħol tagħha bħala Direttur fil-Ministeru qiegħed jitlob minna. Il-Kunsill matul is-sena 2016 kien magħmul minn dawn il-kunsilliera:

**Iċ-*Chairman* tal-Kunsill**
L-Onorevoli Ministru għall-Affarijiet Barranin, Dott. George W. Vella,

***Il-Membri tal-Kunsill***

Id-Dott. Edwin Borg-Manche
Is-Sra Louisiana Busuttil *( irriżenjat f'Settembru 2016)*
Il-Prof. Maurice N. Cauchi
Is-Sur Lawrence Dimech
Is-Sra Carmen Galea
Il-Prof. Stephen Gatt
Id-Dott. Gejtu Pace
Is-Sra Rosalie Rivett
Is-Sur Bernard Scerri
Is-Sur Frank Scicluna
Is-Sur Joseph Sherri
Ir-Rev. Mons. Alfred Vella
Is-Sur Louis J. Vella
Is-Sur Joseph A. Xerri ( *irriżenja f'Novembru 2016*)
Id-Dott Larry Zahra
*Segretarji tal-Kunsill*: is-Sra Maria Camilleri Calleja *(sal-1 ta' Diċembru 2016)*
is-Sur Joseph A Xerri (*mit-2 ta' Diċembru 2016)*

L-attività' prinċipali tal-Kunsill għal din is-sena kienet is-seba' Laqgħa tal-Kunsill tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta li saret nhar il-Ħamis 5 ta' u l-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2016 u li kienet preseduta mill-Onorevoli Dr George Vella Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ċerpersin tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa attendew il-membri kollha barra s-Sra Rosalie Rivett u Sra Louisiana Busuttil, li kienu skużati.

## 1.0 Is-Seba' Laqgħa tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta

Is-sebgħa laqgħa tal-Kunsill f'Malta, skont artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011, saret f'Sala Borg Olivier fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin nhar il-Ħamis, 5 ta' Mejju u l-Ġimgħa, 6 ta' Mejju 2016 . Il-Kunsill kellu fuq l-aġenda tiegħu temi li jinkludu rendikont tal-ħidma tad-Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, ir-reviżjoni tal-Att XX tal-2011, ir-rwol tas-Segretarja tal-Kunsill, it-twaqqif ta' Reġistru ta' Organizzazzjonijiet Volontarji ta' Maltin u ta' Persuni Prominenti li jgħixu barra minn Malta, Votazzjoni mill-Bogħod, id-dritt ta' Ċittadini tal-EU biex jivvutaw fil-Parlament Ewropew; l-Impatt tal-liġijiet dwar l-iżvilupp ta' propjetà' fuq il-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta; is-Sinerġija bejn il-Ħidma tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu Barra u l-programm tal-Gvern fit-twettiq tal-proposti dwar il-Maltin li Jgħixu Barra; l-implementazzjoni ta' Sistema t'Avviżi kmieni; ir-relazzjonijiet bejn il-Kunsill u l-Assoċjazzjonijiet tal-Maltin barra minn Malta; pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-Ilsien Malti barra minn Malta; ir-rati ta' taxxa fuq id-dħul għal Maltin li mhux residenti f'Malta; reviżjoni tal-iżvilupp ta' *'road map'* għar-relazzjonijiet bejn id-Diaspora Maltija u l-Gvern Malti u l-Manteniment tal-Kultura Maltija fost il-Kommunitajiet Maltin barra minn Malta.

## 1.1 Rendikont tal-Ewwel tliet snin tal-Kunsill tal-Maltin li jgħixu Barra

Wara diskussjoni dwar ir-Rapport dwar il-ħidma tad-DMLA, sar qbil li:

i. ir-rapport tad-Direttur tad-DMLA għandu jagħti rendikont dwar liema deċiżjonijiet diġà twettqu, dawk li għadhom għaddejjin u f'liema stadju waslu.

ii. kull tema għandu jkollha wieħed jew iżjed membri tal-Kunsill li jsegwi il-mixja tagħha sakemm tiġi konkluża jew attwata.

iii. li jinħatar *contact person* li jagħmilha ta' kordinatur dwar proposti u deċiżjonijiet li jittieħdu.

***Twettiq:***

*i. Tfassal u ġie attwat stil ta' rapport ġdid li jagħti l-informazzjoni kif mixtieqa mill-Kunsilliera.*

## 1.2 Ir-reviżjoni tal-Att XX tal-2011 – Emendi u Proposti

Waqt diskussjoni dwar dan is-suġġett intqal li ħafna mix-xogħol dwar din ir-reviżjoni huwa komplut, biss il-Kunsill m'għandux sistema ta' kif isegwi x-xogħol li għadu qed isir. Għalhekk sar suġġeriment li jinħatar grupp li jsegwi dan ix-xogħol. Min-naħa tal-Uffiċċju

Legali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ntqal li ċertu affarijiet kienu amministrattivi u għalhekk ma kienx hemm għalfejn jiġu nklużi fil-Liġi, però' jiġu mniżżla bħala *standard procedures*.

Ġie deċiż li:

i. li jiġu ċċirkulati fost il-membri l-emendi proposti għall-Att XX tal-2011 u l-kummenti tat-taqsima legali.

ii. Li l-Kunsill jifformula ktejjeb ta' *standard operating procedures* li jservi bħala punt ta' referenza għal kulħadd.

***Twettiq:***

*i. Il-kummenti ġew iċċirkulati u mibgħuta lill-Kunsilliera mis-Segretarja tal-Kunsill.*

*ii. Saret diskussjoni nterna mill-Kunsilliera dwar dawn il-kummenti.*

*iii. Uffiċjali Legali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin qed isegwu din il-materja. L-Avukat Ġenerali talab aktar żmien sabiex jistudja d-differenza legali bejn "reġistru" u "direttorju".*

*iv. Qed issir diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill dwar x'għandu jkun inkluż fil-ktejjeb dwar l-iStandard Operating Procedures*

### 1.3 Ir-Rwol tas-Segretarja/u tal-Kunsill

Waqt diskussjoni dwar ir-rwol tas-Segretarja/u tal-Kunsill sar suġġeriment biex ikun definit x'inhu r-rwol eżatt ta' min jokkupa din il-kariga. Dan biex ma tinħoloqx konfużjoni dwar x'għandu jintbagħat dirett lis-Segretarja/u u dak li jintbagħat direttament lid-Direttur tad-DMLA.

Għalkemm kien hemm qbil li jista' jkun hemm linji gwida dwar ir-rwol tas-Segretarja/segretarju, intqal li jkun aħjar li jkun hemm paragrafu wiesa' kif għandu jaġixxi min jokkupa din il-kariga biex ikun hemm aktar flessibilta'.

Inġibdet ukoll l-attenzjoni għall-fatt li l-Att ma jeskludix li jkun hemm segretarja/u li ma tkunx/ma jkunx tifforma'jifforma parti mill-istaff tal-Ministeru.

***Twettiq:***

*i. Il-linji gwida ser ikunu nklużi fil-iStandard Operating Procedures li qed jiġu diskussi bejn il-membri.*

### 1.4 Ir-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola O) u r-Reġistru ta' Persuni Prominenti Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola P)

Wara spjegazzjoni mid-DMLA dwar is-sitwazzjoni tal-formoli O u P, u għaliex hemm bżonn ta' dawn il-formoli, fil-Kunsill qamet diskussjoni jekk attwalment hemmx bżonn li jidħlu d-

dettalji kollha mitluba. Waqt id-diskussjoni ntqal li sezzjoni 10(1) ta' l-Att, tgħid li l-Kunsill huwa l-unika entità b'ġurisdizzjoni li tiddeċiedi organizzazzjoni ta' barra għandiex tidħol fir-reġistru jew tiġi eskluża. Biex l-Kunsill jiddeċiedi fuq dan irid jikkonsidra dawn it-tliet punti: (1) tkun NGO imwaqqfa barra min Malta (2) tippromwovi l-interessi tal-Maltin li jgħixu barra u (3) tkun indipendenti mill-Gvern. Skont sezzjoni 3 (F) il-Kunsill irid joħloq reġistru sempliċiment biex iżomm kuntatt mal-Organizzazzjonijiet u allura għall-finijiet ta' din il-liġi ma hemmx bżonn id-dettalji li qed jiġu mitluba.

Kien hemm min ġibed l-attenzjoni li jekk ma jimtlewx id-dettalji kollha, dawn l-organizzazzjonijiet ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għall-fondi tal-EU.

Bħala soluzzjoni għal dan, saret proposta li attwalment kellu jsir direttorju li jissodisfa l-klawsoli tal-Att, filwaqt li dawk l-organizzazzjonijiet li jkunu lesti li jagħtu aktar dettalji kif qed jiġu mitluba mill-Kummissarju tal-Għaqdiet Mhux Governattivi jidħlu f'reġistru.

Hawn qamet id-diffikultà' jekk billi l-Liġi ssemmi l-kelma "Reġistru" setax, mingħajr ma tiġi emendata l-liġi, jinżamm direttorju minflok reġistru.

Diffikultà' oħra li ssemmiet kienet dwar jekk minħabba kwistjoni ta' *data protection*, is-Segretarja/u tal-Kunsill setatx iżomm dan ir-reġistru. Biex tintgħeleb din id-diffikultà' sar suġġeriment li tidħol klawsola fil-formula li tindika li din kienet ser tmur għand is-Segretarja/u tal-Kunsill.

Il-Kunsill iddeċieda li :

i. Formola O - It-taqsima legali tal-Ministeru ser tivverifika mal-Avukat Ġenerali jekk hux possibbli tinġabar lista flok reġistru, sabiex jiġu sodisfatti il-proviżjonijiet ta' l-Att XX tal- 2011. DMLA ser jabbozza formola ta' kunsens.
ii. Formola P : DMLA ser jirrevedi il-korrezzjonijiet żgħar li saru u ser idaħħal emenda f' sezzjoni F dwar is-segretarja/u.
iii. Din il-formola tista' titpoġġa fuq is-sit elettroniku tad-DOI u tiġi ċirkolata mal-Ambaxxati Maltin, u mal-kunsilliera

***Twettiq*** *:*

*i. L-uffiċju legali u ċ-Chief Information Unit (MFA)kellhom laqgħa mal-Avukat Ġenerali li bħalissa qed jittratta dwar ir-reviżjoni tal-Formoli O u P*
*ii. L-uffiċjali Legali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin huma tal-opinjoni li l-Kummissarju għall-Għaqdiet mhux Governattivi m'għandux il-poteri li jinkludi għaqdiet barranin.*

## 1.5 Votazzjoni mill-bogħod

Id-diskussjoni f'dan il-każ ma konċentratx dwar id-dritt tal-vot, iżda dwar x'inhuma l-possibiltajiet li dawk li għandhom id-dritt għall-vot u jgħixu barra mill-Gżejjer Maltin, jistgħu jivvutaw mingħajr ma jkunu fiżikament f'Malta.

Il-Kunsill iddeċieda li:

i. jirrikmanda lill-Gvern jistudja l-possibbiltà biex jippermetti liċ-ċittadini Maltin kollha li huma eliġibbli għall-vot fl-elezzjonijiet li jivvutaw permezz ta' votazzjoni postali, elettronika jew fuq l-internet.

ii. tiġi abbozzata ittra lill-Prim Ministru li fiha l-Gvern jintalab jeżamina l-mezzi ta' votazzjoni mill-bogħod għal dawk il-Maltin ta' barra li għandhom id-dritt tal-vot

***Twettiq:***

i. *Tlesta (04.01.2017) abbozz ta' ittra lill-Prim Ministru li qed jiġi diskuss mill-membri tal-Kunsill qabel dan jiġi approvat u jintbagħat lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin biex jgħaddi l-ittra f'isem il-Kunsill lill-Prim Ministru.*

### 1.6 Id-dritt ta' ċittadini tal-UE biex jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

Billi l-proposta (riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea [2015/2035(INL) para 12) tipproponi "..... *li ċ-ċittadini tal-Unjoni kollha, inklużi dawk li jirrisjedu jew jaħdmu f'pajjiż terz, jingħataw id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew*, għalkemm approvata mill-Parlament Ewropew (11 ta' Novembru 2015) , kienet għadha ma ġietx ratifikata mill-EU, ġie deċiż li d-diskussjoni dwarha tiġi aġġornata sa laqgħa oħra tal-Kunsill biex jieħu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi li jkun hemm fl-EU dwar din il-materja.

### 1.7 L-impatt tal-liġijiet dwar l-iżvilupp ta' propjetà' fuq il-Maltin li jgħixu barra minn Malta

Fl-aħħar Kunsill tqajmet il-kwistjoni tal-possibbiltà' ta' żvilupp ta' propjetà' mingħajr il-permess tas-sid tal-art u l-ħtieġa li jiġu salvagradwati l-interessi tal-Maltin li jgħixu barra.

Waqt id-diskussjoni ntqal li l-emendi fil-Liġi dwar l-iżvilupp ta' propjetà' ma biddlitx il-pożizzjoni tal-MEPA dwar min hu s-sid ta' propjetà, anzi issa daħlet obbligazzjoni li jrid ikun hemm dikjarazzjoni li l-art tappartjeni lil min ikun ser jiżviluppaha jew inkella juri l-kunsens tas-sid. Min ser jiżvillupa l-art (*developer)* irid jiddikjara minn qabel jekk hux is-sid jew le, u jekk le, irid iġib kunsens mis-sid u jinforma lis-sid bl-applikazzjoni b' ittra reġistrata.

Billi l-Liġi ma ssemmix li, barra li tiġi preżentata l-ittra reġistrata li tintbagħat lis-sid, għandha wkoll tiġi preżentat t-tweġiba, il-Kunsill iddeċieda li:

i. Il-Kunsill jibgħat ittra lill-awtorità konċernata (Segretarju Parlamentari l-Onor Dr Deborah Schembri) biex jirrakkomanda li għall-ittra reġistrata għandha tasal u tiġi ppreżentata r-risposta tas-sid.

***Twettiq:***

*i. Il-Kunsill qed jipprepara ittra biex wara li tiġi diskussa mill-membri u approvata mill-membri tal-Kunsill tintbagħat lis-Segretarju Parlamentari l-Onor Deborah Schembri.*

## 1.8 Sinerġija bejn il-ħidma tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta u l-programm tal-Gvern fit-twettiq tal-proposti dwar il-Maltin li jgħixu barra

Il-Kunsill ħass li kien hemm ħtieġa li jkun hemm evalwazzjoni dwar il-ħidma tal-Kunsill vis a vis l-programm elettorali tal-Gvern f'dak li jirrigwarda l-proposti li jikkonċernaw il-Maltin li jgħixu barra. Dan biex il-Kunsill ikun f'sinerġija mal-programm tal-Gvern u fl-istess ħin biex il-Gvern jiġi mħeġġeġ biex iwettaq dak li wiegħed.

Waqt id-diskussjoni ntqal li ta' kull xahar kull dipartiment tal-Gvern jagħti rendikont ta' x'sar u ma sarx. Biex jintlaħaq l-iskop ta' din il-proposta kien meħtieġ li l-Kunsilliera jikkommunikaw aktar ma xulxin biex il-Kunsill jidentifika dak li jixtieq jagħmel u jressaq dawn il-proposti lill-Ministru biex dan ikun jista' jressaqhom quddiem il-Kabinett.

Tqajmet il-kwistjoni ta' Maltin anzjani li jirritornaw Malta fejn intqal li ħadd ma jżomm lil dawn li jirritornaw pajjiżhom biss dawn ma jistgħux jingħataw preferenza fuq anzjani Maltin fejn jidħlu djar tal-anzjani, kura eċċ.

Fl-istess diskussjoni tqajmet ukoll l-kwistjoni tal-istorja tal-immigrazzjoni u l-ħtieġa li jsir studju dwar l-aspetti kollha tal-istorja. Biex dan iseħħ kien meħtieġ li jkun hemm nies kemm mill-Kunsill, kif ukoll mill-Università'

Il-Kunsill filwaqt li nnota dak li ġie propost, ħatar:

i. Sottu kumitat dwar punt- 25 (Ritorn ta'Anzjani lejn Malta u l-lista ta' stennija biex jidħlu fid-djar tal-Anzjani)
ii. Sottu kumitat dwar punt -26 ( l-Istorja tal-Emigrazzjoni Maltija)

***Twettiq***

i. *(Punt 25) Is-Sotto Kumitat ġie nfurmat mid-DMLA li skont id-Direttorat għall-anzjanità Attiva u Kura Komunitarja ma teżistix statistika ta' kemm mill-emigranti Maltin li ġew lura Malta qegħdin fil-lista ta' stennija biex jidħlu f'xi dar residenzjali.*
ii. *(Punt 26) Wara sezzjoni ta' brian storming, is-Sotto kumitat għamel il-proposti tiegħu dwar dak li jista' jsir biex l-istorja tal-emigrazzjoni tkun magħrufa aktar kemm mill-istudenti kif ukoll mill-poplu Malti.*

## 1.9 L-implementazzjoni ta' Sistema t'Avviż Kmieni – Sottomissjonijiet tal-Kunsill għal-temi miftuħin għall-konsultazzjoni pubblika

Waqt id-diskussjoni saret emfasi fuq il-bżonn li jinstab mezz ta' kif il-membri tal-Kunsill ikunu avżati bil-quddiem b'dawk il-liġijiet li jkunu qed jiġu diskussi fil-Parlament Malti.

Inġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-Gvern Malti għamilha faċli li jkun hemm konsultazzjoni pubblika billi wieħed jikkonsulta s-sit tal-Gvern "Semma' Leħnek" u għalhekk tajjeb li jidħol element ta' *self help* billi l-membri tal-Kunsill jidħlu f'dan is-sit. Jekk l-membri tal-Kunsill iħossu li għandhom jagħmlu xi kumment jew proposta dwar xi liġi dawn għandhom, wara diskussjoni bejniethom, ifasslu pożizzjoni maqbula li titressaq, skont il-proċeduri normali, lil Ministru konċernat.

Intqal li waħda mid-Diffikultajiet f'din il-materja hija li jidher li ftit huma l-Ministeri li għandhom għarfien tal-Att XX u l-Kunsill.

Għalhekk sar qbil li:

i. F'laqgħa tal-Kabinett, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, iqajjem il-kwistjoni tal-*early warning system* mal-Ministri bħala riżultat tal-laqgħa, biex titqajjem iktar kuxjenza fejn leġiżlazzjoni u policies jistgħu jolqtu lill-Maltin ta' barra.

ii. Il-preokupazjonijiet tal-Kunsill jistgħu jiġu mgħoddija lill-Ministeri konċernati meta tkun saret diskussjoni bl-imejl u tiġi maqbula l-pożizzjoni tal-Kunsilliera li mbagħad tiġi mgħoddija lis-segretarja/u u lill-Ministru. Il-Kunsill qabel illi sottomissjonijiet mill-Kunsilliera maqbula mill-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill permezz ta' e.mail huma validi biex jiġu sottomessi bħala pariri jew proposti.

iii. Il-Kunsilliera jirrikonoxxu li informazzjoni dwar liġi proposta u policies ġodda tista' tiġi aċċessata faċilment tramite s-sit elettroniku tal-Parlament u s-sit elettroniku tal-Gvern konsultazzjoni pubblika "Semma Leħnek".

***Twettiq***

*i. L-Onor Ministru Dr George W Vella ressaq il-Memo dwar l-Early Warning System quddiem il-Kabinett tal-Ministri*

*ii. Is-Segretarja, flimkien mad-Direttur tad-DMLA sa minn qabel il-laqgħa kienu bdew jiflu l-proposti ġodda ta' liġijiet, eċċ u jiġbdu l-attenzjoni tal-Kunsilliera dwar dawk li jaħsbu li jaffettwaw lill-komunitajiet Maltin ta' barra, kif ukoll inġabru l-kummenti għall-attenzjoni tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin fejn kien meħtieġ tittieħed azzjoni.*

## 1.10 Metodi biex titjib ir-relazzjoni bejn il-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta u l-assoċjazzjonijiet tal-Maltin barra minn Malta

It-tema prinċipali tad-diskussjoni kienet l-importanza tal-kuntatt bejn il-Kunsill u l-assoċjazzjonijiet tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Ħafna mill-assoċjazzjonijiet ma jħossuhomx f'kuntatt mal-membri tal-Kunsill. L-involviment tal-Kunsill mal-Assoċjazzjonijiet huwa kruċjali għall-eżistenza tal-Kunsill. Filwaqt li diversi Kunsilliera taw rendikont ta' kif huma jgħaddu l-informazzjoni lill-kommunitajiet tagħhom, dawn talbu għall-aktar impenn min-naħa tal-Ministeru f'din il-materja, speċjalment fejn hemm assoċjazzjonijiet li ma humiex affiljati mal-komunità.

Intqal li, filwaqt li kull membru tal-Kunsill għandu responsabiltà' li jgħaddi l-informazzjoni lill-kommunitajiet, minħabba ċertu limitazzjoni, għandha tingħata wkoll għajnuna min-naħa tal-ambaxxati u konsulati. Għandha tiġi studjati l-possibbiltà' li jsir sit elettroniku għal dan il-għan. Intqal ukoll li l-idea li kollox għandu jgħaddi mill-Ministeru jew mill-Kunsill hija żbaljata, għax il-Kunsilliera jistgħu jgħaddu ċertu affarijiet lill-għaqdiet mingħajr il-ħtieġa li dawn jgħadduhom mill-Ministeru jew il-Kunsill.

Intqal ukoll li jeħtieġ li issir media strategy biex l-Kunsill ikun jista' jilħaq l-media, li mhix lesta li tagħti mportanza lil dak li mhux *news worthy*.

Għalhekk ġie deċiż li:

i. jsir sommarju tal-minuti (2 paġni) tal-laqgħat biex jiġu ċirkolati mal-Kunsilliera li jservi t'informazzjoni uniformi li titqassam lil kulħadd.

*Twettiq:*

*i. Dan is-sommarju ta' żewġ paġni inġabar u flimkien ma' sommarju tad-deċiżjonijiet li ttieħdu waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-2016, intbagħtu lill-Kunsilliera kollha mis-Segretarja.*

### 1.11 Il-proġett tal-pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-ilsien Malti barra minn Malta

Sar ċertu progress f'dan il-qasam billi ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Unjoni Ewropea bil-għan li l-Ministeru jibbenefika minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Bħalissa għaddejja l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet.

Għalissa t-tagħlim mhux ser jkun *real-time,* imma mhux eskluż li ma jkunx hemm żviluppi ħalli jkun hemm kommunikazzjoni wiċċ m' b' wiċċ. L-użu tal-faċilita' ta' din il-pjattaforma, li kull persuna tista' tuża' għall-kumdita' tagħha, ser ikun mingħajr ħlas. Il-livell li wieħed jista' jilħaq għal min juża' din il-faċilitat' ser tkun sa Livell 3MQF ('O'Level) u, f'ċertu parametriċi, l-istituzzjonijiet lokali jrid jirrikonexxuh bħala O' level.

Intlaħaq ftehim li :

i. l-isforzi li saru minn DMLA flimkien mad-Direttur Ġenerali għall-edukazzjoni għandhom ikomplu jiġu sostnuti.

ii. Il-Kunsill interministerjali dwar it-tagħlim tal-lingwa Maltija ser jinforma lill-Kunsill dwar it-timeline għal dik li ser tkun sejħa pubblika għall-espressjonijiet t'interess sabiex tiġi kkrejata pjattaforma diġitali ta' programm għat-tagħlim tal-lingwa Maltija.

***Twettiq:***

*i. Saret l-applikazzjoni mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u Impjiegi għall-Fondi Ewropej għall-pjattaforma diġitali għat-Tagħlim tal-Malti onlajn*

*ii. Ħarġet is-sejħa mill-istess Ministeru għall-ħatra ta' persuna ntiża fl-ilsien Malti u t-teknika tal-pjattaforma.*

### 1.12 Reviżjoni tar-rati ta' taxxa fuq id-dħul applikabbli għal dawk mhux residenti f'Malta biex ikunu aktar ġusti u titneħħa n-natura eċċessivament punittiva tagħhom

Din il-materja ilha tiġi diskussa mill-Kunsill għal diversi snin, u għalkemm r-rati tat-taxxi għal nies mhux residenti Malta nbidlu u naqsu sostanzjalment xorta jibqa' l-fatt li hemm taxxi fuq id-dħul, fuq investimenti u pensjonijiet li huma differenti għall-persuni li jgħixu barra.

Kien hemm bżonn li wieħed jifli sewwa din id-diskrepanza, speċjalment fejn jidħlu l-madwar1000 Malti li jgħixu barra.

Għalhekk ġie deċiż li:

i. Il-Kunsill jgħaddi rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija ta' din id-distinzjoni fir-rati ta' taxxa għall-kunsiderazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.

***Twettiq:***

i. *Intbgħatet ittra iffirmata mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin, għan-nom tal-Kunsill, lill-Ministru għal-Finanzi, sabiex twassal ir-rakkomandazzjonijiet tad-Diaspora Maltija dwar ir-rati tat-taxxi. L-ittra ntbagħtet nhar id-9 ta' Novembru 2016.*

## 1.13 Reviżjoni ta' l-iżvilupp ta' 'road map' għar-relazzjonijiet bejn id-Diaspora Maltija u l-Gvern ta' Malta

Waqt id-diskussjoni dwar din it-tema kien hemm diversi proposti fosthom li (1) jkun hemm kumitat magħmul minn rappreżentanti ta' diversi dipartimenti biex infasslu politika għad-Diaspora Maltija (2) li jkun hemm persuna f'kull Ministeru li tagħti *feedback* fuq affarijiet relatati mal-Maltin ta' barra (3) li jkun hemm kumitati li jaħdmu fuq suġġetti speċifiċi (4) li jintgħażel xi ħadd li huwa ntiż fid-Diaspora li jagħmel studju u joħroġ x'inhuma propju l-għanjiet ta' Diaspora ta' pajjiżi oħra biex wieħed ikun jista' jislet xi idejat u jagħti xi suġġerimenti fejn irridu mmorru.

Finalment sar qbil:

i. li jiġi identifikat akkademiku li jmexxi studju komparattiv ta' proġetti u idejat imnedija minn pajjiżi oħra vis–à–vis id-Diaspori tagħhom sabiex wieħed jagħti gwida biex jesplora kif jissaħħaħ il-kuntatt mad-Diaspora Maltija.

***Twettiq:***

i. *Saru żewġ laqgħat tas-sottu-kumitat li fformula dokument li jista' jservi bħala "road map". Dan id-dokument wara li jiġi kkonfermat ukoll mill-membri tas-sotto-kumitat kollu jintbagħat lill-membri kollha tal-Kunsill għall-kummenti tagħhom. Wara li jsiru l-emendi meħtieġa ikun konfermat bħala r-road map.*

## 1.14 Il-manteniment tal-kultura Maltija fost komunitajiet Maltin Barra minn Malta

Membri tal-Kunsill emfasizzaw l-importanza li l-Kunsill ikun jaf x'attivitajiet qed jiġu organizzati f'Malta ħalli ssir aktar promozzjoni, kif ukoll li jkun hemm materjal biex tfal fid-Diaspora jkunu jistgħu jagħmlu proġetti dwar Malta.

Il-membri tal-Kunsill ġew infurmati li hu mportanti li jkunu konxji tal-informazzjoni li qegħda *online* u tal-eżistenza tal-facebook u s-sit elettroniku tal-Kunsill Malti għall-Arti (ACM). Dan il-Kunsill joffri fondi u għajnuna, li huma miftuħa wkoll għal nies tad-Diaspora Maltija. Biss huma l-membri tal-Kunsill (CMLA) li jridu jieħdu l-inizjattiva biex jinfurmaw lill-komunitajiet b'dawn il-fondi. Ingħatat ukoll informazzjoni fuq EUNIC, li hija organizzazzjoni fejn il-pajjiżi jaħdmu flimkien biex ifasslu proġetti kulturali.

Għalhekk filwaqt li l-membri tal-Kunsill ġew imħeġġa biex:

i. jesploraw l-opportunitajiet li jistiednu artisti Maltin tramite' id-direttorju Cultural Showcase li ġie mqassam waqt din is-sessjoni.

ii. jistabbilixxu kuntatt ma' wieħed mill-clusters tal- EUNIC tar-reġjun tagħhom sabiex jibdew jidħlu fi skambju kulturali, anke bl-għajnuna ta' l-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura

ġie deċiż li:

i. Id-Direttur DMLA u Dr. Carmen Sammut mill-Universita' ta' Malta, jidħlu f'kuntatt biex titqajjem kuxjenza fost l-letturi fl-Università ta' Malta sabiex qabel l-vjaġġi tagħhom barra minn Malta jikkuntattjaw membri tad-Diaspora Maltija biex ikunu jistgħu jorganizzaw attivitajiet/*guest speaking events* f'dawk il-pajjiżi.

***Twettiq:***

*i. Dr Carmen Sammut qed tesplora mal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani tal-Università ta' Malta, x'inhu l-aħjar mezz kif membri tal-Università' ta' Malta, li jkunu ser iżuru pajjiżi fejn hemm id-Diaspora Maltija, ikunu jistgħu jinfurmaw b'dan lill-membri tas-CMLA biex dawn ikunu jistgħu jgħaddu din l-informazzjoni lill-organizzazzjonijiet f'pajjiżhom.*

**2.0 Materji oħra**

2.1 Waqt il-laqgħa tal-Kunsill saret preżentazzjoni u diskussjoni qasira dwar il-Consul-on-the-Move li beda jopera minn Mejju 2016. Permezz ta' dan is-servizz Maltin ta' barra li jgħixu bogħod mill-Ambaxxata Maltija, issa ser ikunu jistgħu jingħataw servizzi Konsulari, fosthom it-tiġdid u ħruġ ta' passaporti, mingħajr il-ħtieġa li jivvjaġġaw fit-tul u jagħmlu ħafna spejjeż.

2.2 Wara diskussjoni permezz ta' bdil ta' e.mails, intbagħtet sottomissjoni mill-Kunsill lill-Ministru tal-Edukazzjoni u Impjiegi, dwar kif jaħsibha l-Kunsill dwar d-dokument LANGUAGE POLICY for EARLY YEARS.

2.3 Fil-Parlament bdew jiġu diskussi emendi għal-Liġi dwar l-Ilsien Malti (TT biex jemenda l-Att dwar l-Ilsien Malti, Kap. 470) u fost l-emendi li qed jiżdiedu hemm dik li l-Kunsill Nazzjonali għal-Ilsien Malti għandu " iżomm kuntatt kontinwu mal-komunitajiet tal-Maltin ta' barra u mar-rappreżentanti tagħhom bil-ħsieb li l-ilsien Malti jibqa' lingwa ħajja fosthom.".

Dan jirrifletti parti mit-talbiet li saru mill-Kunsill.

2.4 Bil-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u d-DMLA ġiet ippreparata u ppubblikata l-Pubblikazzjoni dwar il-Konvenzjoni ta' April 2015 f'forma ta' ktieb, kif ukoll fuq CDs.

2.5 Is-Segretarja/u tal-Kunsill u d-Direttur tad-Direttorju tal-Maltin li Jgħixu Barra kellhom laqgħat biex ikomplu jfasslu mod ta' kif tista' tkompli titjieb il-ħidma bejn iż-żewġ naħat.